MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2011

Numru. 266/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Tony Cachia]**

**vs**

**Charlot Busuttil**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Charlot Busuttil detentur tal-karta tal-identita` numru 21681 (M).

Akkuzat talli:
a) Talli nhar is-27 ta' Awwissu 2008, ghall-habta tas-7.50 a.m., waqt li kien ghaddej fi Triq il-Mithna, Hal Qormi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli u cioe` vettura tal-ghamla Hyundai Excel Blu b'numru ta' registrazzjoni EAZ 241, ghad-dani soffruti minn Adrian Pace.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija, tipprovdi skont l-Artikolu 383 et seq. tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghas-sigurta` ta' Adrian Pace.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kontrih;

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u l-fedina penali tal-imputat li hija netta.
Ikkunsidrat:

Illi l-fatti in breve kienu is-segwenti:

Illi fis-27 ta' Awwissu 2008, ghall-habta tat-7.50 a.m. fi Triq il-Mithna, Hal-Qormi, Adrian Pace li kien qed isuq f'din it-triq lemah sustanza bhal actu li giet imwaddba minn xi hadd u din fuq il-karrozza tieghu Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni EAZ 241. Illi huwa ma giex milqut b'tali sustanza izda l-karrozza giet danneggjata f'diversi partijiet taghha.

Illi Charlot Busuttil gie issuspettat peress illi huwa kien ir-ragel tal-mahbuba ta' Pace u l-imputat skont Pace kien ried ipattihielu ghaliex hadlu l-mara tieghu, u anke ghaliex Pace kien lemah mill-mera tal-karozza tieghu lill-istess imputat jimxi b'pass mghaggel fid-direzzjoni opposta meta gara l-incident.

Illi Charlot Busuttil minn dejjem innega dan il-fatt ghalkemm ftit taz-zmien qabel huwa ammetta li kien qed isegwi l-mara tieghu u dan ghamel xenata meta kienu l-Fgura. Illi sahansitra l-imputat sqarr illi huwa ma jghaddix minn dik it-triq biex imur ghax-xoghol fil-Bypass ta' B'Kara izda mit-triq ta' Tal-Barrani, jaqbad Triq Aldo Moro biex imbaghad imur fil-bypass ta' Santa Venera u jibqa' sejjer ghal bypass ta' B'Kara.

Illi mix-xhieda principali ta' Adrian Pace hareg illi meta huwa lemah din is-sustanza taqa' fuq il-vettura tieghu

huwa fettillu jhares fil-mera tan-naha tieghu tal-karrozza u skont hu lemah lill-imputat Charlot Busuttil jigri fid-direzzjoni opposta u dan beda jhares lura ghalhekk gharfu.

Illi a rigward il-hsarat fuq il-karrozza ta’ Adrian Pace, irrizulta mix-xhieda tieghu stess illi l-hsara kien hemm mal-“chrome” tal-hgieg tad-dawra tal-karrozza kollu, mal-“grid” tar-“radiator” ta’ quddiem u mal-“panel” ta’ wara izda hsara fuq iz-zebgha tal-karrozza ma kienx hemm. Illi l-likwidu imxerred fuq il-karrozza skont Pace jixbah hafna ghal spirtu tal-melh minhabba ir-riha partikolari tieghu.

Illi rat ukoll il-verbal tas-6 ta’ Dicembru 2010 fejn il-parte civile Adrian Agius iddikjara illi l-ebda surveyor ma ra l-karrozza tieghu izda huwa mar ghand il-Hyundai sabiex ituh quote tal-parts li ghandu bzonn u li dawn tawh “quote” relattiv li gie esebit fl-atti a fol 30.

Illi finalment, rat ukoll ix-xhieda tal-imputat Charlot Busuttil illi fost affarijiet ohra rega’ innega l-involviment tieghu fil-kaz *de quo* u skont hu din kienet messa in xena min-naha tal-parte civili stante li ftit taz-zmien qabel huwa beda jigri wara l-ex mara tieghu meta din kienet ma’ Pace.

Illi ghaldaqstant hargu diversi fatturi minn dak li hareg mix-xhieda u dawn huma; i) illi il-parte civile Adrian Pace ra lill-imputat Charlot Busuttil meta huwa iddecieda li jhares fil-mera tal-karrozza tieghu, ii) illi l-hsarat sofferti mill-istess Adrian Pace fuq il-karrozza tieghu ma gewx ikkonstati mill-ebda persuna kompententi ezatt wara li gara l-incident u ghaldaqstant ma kienx possibbli illi tigi identifikata is-sustanza involuta fl-incident u ma gewx identifikati bl-ezattezza l-hsarat ikkagunati minn din is-sustanza biex b’hekk l-imputat seta’ jkun fil-posizzjoni li jiddefendi ruhu bl-ahjar mod possibbli u kif trid il-ligi. Dawn il-fatturi, flimkien mal-fatt illi iz-zebgha tal-karozza ma gietx iddanneggjata, aktar jirrendu il-kaz tal-prosekuzzjoni dubbjuz u l-Qorti thoss illi ma ngabitx l-ahjar prova u konsegwentement il-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha oltre d-dubju ragjonevoli.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 325 (1) (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti ma ssibx lill-imputat Charlot Busuttil hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u tilliberah mill-istess.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------